MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2013

Numru 457/2012

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)
vs
Paul Scicluna

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 598359(m) akkuzat talli:

- fl-20 ta’ Ottubru 2011 ttanta ihajjar lill-ufficjal jew impiegat pubbliku u cioe’ lil Vincent Vella, Spettur tad-Dipartiment tal-VAT biex jaghmel delitt u cioe’ li bhala ufficjal jew impiegat pubbliku in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu jitlob, jircevi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utili iehor jew ta’ xi vantagg iehor li ghalihom huwa ma kellux jedd;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;
Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ir-retroscena ta' dawn il-proceduri tirrisulta fis-segwenti:
- li fl-20 ta' Ottubru 2011 Vincent Vella fil-kariga ta' Spettur fid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (hawn riferut bhala 'spettur') kien gie mitlub mill-imputat qua ufficjal tal-Ufficju Legali tal-istess Dipartiment sabiex jmur l-ufficju tieghu;
- li cirka gimgha qabel, l-imputat kien gja baghat ghalih biex staqsieh, fil-konfront ta' din l-istess persuna (riferuta bhala 'it-tax-payer) jekk kienitx qeghdha tigi investigata minnu;
- li jirrisulta mhux kontestat li fl-ebda wahda f'dawn iz-zewg okkazjonijiet l-imputat ma ttenta jew ipprova jinterferixxi fl-investigazzjoni;
- li skond dan l-ispettur meta mar fl-ufficju tal-imputat f'din it-tieni okkazjoni, l-imputat ghaddielu dokumenti attestanti xi korrezzjonijiet ghad-dikjarazzjonijiet li t-'tax payer' kien precedentement ippresenta lid-dipartiment flimkien ma' cekk mahrug mit-'tax payer' u paggabli lid-dipartiment li kien jkopri d-diskrepanzi risultanti mid-dikjarazzjonijiet precedenti tieghu. Jghid l-ispettur li l-imputat f'din it-tieni okkazjoni ghaddielu mitt euro u qallu biex izommha ghalih;
- jistqarr wkoll l-ispettur li hareg mill-ufficju tal-imputat konfuz pero' irritorna, li ma kienux ghaddew aktar minn hames minuti, u halla ghand l-imputat dak li kien precedentement ha, inkluz il-mitt euro karta. Jghid li l-ghada mar ghand is-superjuri tieghu u irraporta l-kaz;

Intant, mix-xhieda tieghu (fol.74 et seq) – u dan johrog mill-provi dokumentarji – jirrisulta li fl-4 ta' Ottubru ta' dik is-sena kien interpella bil-miktub lit-'tax payer' sabiex jipprovdi l-kotba tan-negozju ta' perjodu determinat u dan zmien sebat tijiem. Kien irrispondieh l-'accountant' tat-'tax payer' xi gimgha wara u ikkonfermalu li d-dokumenti kienu

ser jigu provduti. Fil-frattemp jidher li t-'tax payer' kien kellem avukat li minn naha tieghu kien avvicina lill-imputat biex jaralu x'kienet is-sitwazzjoni, u hu (it-'tax payer') fl-istess zmien kien irnexxilu jikkomunika mal-imputat telefonikament'. Jirrisulta li ikkuntattjah f'sitt okkazjonijiet li damu anqas minn minuta kull wahda u li waslu sabiex t-'tax payer' jmur l-ufficju tal-imputat fid-dipartiment u hemmhekk ghaddielu d-dikjarazzjonijiet korretorji (b'referenza d-dok.ti folio 55 u 56) flimkien mac-cekk relattiv ikopri d-diskrepanzi rilevabbli mit-'tax payer'.

Il-Qorti hawnhekk tiftah parentesi u tinnota li allura kienu ghaddew hmistax fuq l-ittra tal-ispettur. Wkoll relatat ma' dan il-kuntest il-Qorti tinnota wkoll li telefonati mit-'tax payer' lill-imputat jirrisultaw unikament ghall-perjodu bejn is-7 ta' Ottubru (tlett tijiem wara li kien interpellat) u t-18 ta' Ottubru ta' dik is-sena li jghati kredenza lil fatt li l-imputat ma kellhux konoxxjenza tieghu qabel dawn id-dati u li fl-ebda okkazjoni f'dan il-perjodu ma kienx ha l-inizjattiva li icempillu hu.

Intant, il-kwerelant spettur ma tantx wera konsistenza dwar kif svolgiet l-affari. Mitsoqsi mill-prosekuzzjoni, per esempju, x'kien tah l-imputat hu irrisponda hekk: "taghni correction letter b'cekk mieghu u dak il-hin kien hemm mitt euro ***fuq il-mejda***" (enfazizzar tal-Qorti) u kompla jghid li l-imputat qallu "dawn ghalik". Izda fuq domanda dwar x'fehem b'daqshekk qal li l-imputat "kien qed jirreferi ghall-ittra u l-mitt Euro" u zied il-kliem "**fhimt jiena**" – kliem dawn li l-Qorti tqieshom sinifikattivi hafna aktar u aktar fil-kuntest tax-xhieda ta' tlett ufficjali gholjin fid-dipartiment, wiehed minnhom il-Kummissarju innifsu, li investigaw internament (referenza xhieda folio 52, 57, 138 u 131). Imbaghad fil-kontro-ezami tieghu waqt li ikkonferma li l-mitt euro kienu fuq il-mejda u mhux mad-dokumenti uza l-kema 'ezatt' ghall-affermazzjoni tal-Avukat difensur li 'ra l-mitt euro fuq il-mejda u qabad u hadha'.

Xehed l-imputat (folio 171 t seq) li cahad l-allegazzjoni dwar il-mitt euro kif d'altronde kien cahadha enfatikament f'kull wahda mill-hames stqarrijiet li hu kien irrilaxxja lill-

ufficjal prosekutur u f'kull istanza li kien ssejjah quddiem l-ufficjali gholjin tad-dipartiment.

Intant, r-rinvju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali jixlih ai termini tal-Artikolu 151 u 120 tal-Kap 9. Igifieri li 'ghall-haddiehor' irceva jew accetta rigal fi flus (Artikolu 151) u li b'dak li irceva u accetta ittenta jkkorrompi ufficjal pubbliku. Tabilhaqq pero' l-imputazzjoni addebitatia kontra l-imputat tiskaturixxi minn dak li allega l-kwerelant spettur u, skond il-prosekuzzjoni, minn fatti ossija provi cirkostanzjali li l-Qorti tindivizwalizza fiz-zewg telefonati li jirrisultaw li ghamel l-imputat lit-'tax payer' wara li gie konfrontat mis-superjuri tieghu fuq l-allegazzjoni li kien ghamel l-ispettur kontra tieghu. Fiz-zgur, stante li l-imputat jispiega x'gara rigward t-tieni telefonata, liema spiega ghandha mill-verosimili konsiderat li dament appena erbghatax- il sekonda, tirrizulta l-ewwel li fiha tkellem ghal mija u seba u tletin sekonda u spiega il-kontenut taghha. Fuq din il-prova cirkostanzjali hija l-fehma tal-Qorti li c-cirkostanzjalita' taghha m'ghandhiex mill-univocita'. Fi kliem iehor hija ekwivoka u mhux univoka tali li difficilment hija jew tista' titqies korroborattiva. Huwa minnhu li fil-kaz in meritu xhud wiehed, jekk emmnut minn min qed jiggudika, taghmel prova shiha. Madanakollu il-provi kontra l-imputat skond din il-Qorti ma jwasslux ghall-konvinciment fiha li giet ippruvata l-kolpevolezza tieghu. Anzi mill-assiem tal-provi huwa car fil-fehma taghha li l-imputat mhux hati tal-addebiti li bihom hu akkuzat. Tafferma li ma tara ebda raguni ghaliex kellha ssir l-offerta anka fid-dawl tas-somma sostanzjali li kient dovuta lid-dipartiment mit-'tax payer' li qeghdha 'sub judice'.

Inghad dan tiddecidi u tiddisponi mill-kawza billi ma sibx l-imputat hati u kwindi tilliberah.

A.M.Trigona
Magistrat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------